

Brussell, 4 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13441/20

AGRI 447
PESTICIDE 41
SEMENCES 16
AGRILEG 157

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom u mal-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi – <i>Approvazzjoni</i>

1. Fl-20 ta' Mejju 2020, simultanjament mal-Istrateġija tagħha mill-Għalqa sal-Platt, il-Kummissjoni adottat Rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom u mal-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (minn hawn 'il quddiem, "*ir-rapport tal-SUD*").
2. Ir-rapport imsemmi hawn fuq huwa ppreżentat skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/128/KE ("*l-SUD*") u huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

3. Ir-rapport tal-SUD ġie ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli (Pestiċidi/Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti) f'vidjokonferenza informali fit-22 ta' Lulju 2020. Abbażi tal-interventi tad-delegazzjonijiet u tal-kontributi bil-miktub sussegwenti tagħhom, il-Presidenza Ġermaniża pproponiet abbozz ta' test għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill li ġie eżaminat u diskuss fi tliet vidjokonferenzi informali oħra tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli¹.
4. Fit-30 ta' Novembru 2020, it-tielet abbozz rivedut ta' test ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ġie ppreżentat lid-delegazzjonijiet permezz ta' proċedura ta' silenzju li ma nkisret minn ebda delegazzjoni.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-SUD tal-Kummissjoni li jinsab fl-anness għal din in-Nota u jippreżentah lill-Kunsill għall-approvazzjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

¹ 18 ta' Settembru, 30 ta' Ottubru u 27 ta' Novembru 2020

Abbozz ta' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar

ir-RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom u mal-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"¹;
- Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent"²;
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt³
- Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'haġjitna"⁴;
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar "Il-bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti"⁵
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Lulju 2020 dwar ir-Rapport speċjali Nru 5/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti: progress limitat fil-kejl u fit-tnaqqis tar-riskji";⁶

¹ [COM\(2019\) 640 final](#)

² [COM\(2020\) 381 final](#)

³ Doc. 12099/20

⁴ [COM\(2020\) 380 final](#)

⁵ Doc. 12210/20

⁶ Dok. 9334/20

- Fir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi;⁷
1. JILQA' r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri b'rabta mal-implimentazzjoni tal-miri nazzjonali stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom u mal-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (SUD);
 2. JAQBEL mal-Kummissjoni, li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-pestiċidi tipprevedi waħda mill-aktar sistemi stretti fid-dinja għall-awtorizzazzjoni u l-kontroll tal-użu tal-pestiċidi u JAGĦRAF li l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jinvolvi riskji u perikli għall-bnedmin, l-annimali u l-ambjent;
 - 2a. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-impatt, qabel kwalunkwe reviżjoni tad-Direttiva fid-dawl tal-miżuri u l-miri previsti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Politika Agrikola Komuni futura. Din il-valutazzjoni tal-impatt għandha tkopri mhux biss il-benefiċċji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent iżda wkoll, fost affarijiet oħra, it-theddidiet ikkawżati mit-tibdil fil-klima b'mod partikolari għat-tixrid ta' pesti ġodda, l-effetti fuq l-użu tal-art, il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea u l-azjendi agrikoli tal-familja, is-sigurtà tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel; *(tmexxa mill-paragrafu 6a)*

Implimentazzjoni tad-Direttiva u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali

3. JAPPOĠĠA r-rwol tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali, fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, iżda JENFASIZZA li fl-evalwazzjoni tagħha tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali, il-Kummissjoni jenħtieġ li [...] tqis il-fatt li l-Istati Membri (MS) ma bdewx mill-istess pożizzjoni fir-rigward tal-istrutturi stabbiliti u r-rekwiżiti eżistenti;

⁷ Dok. 8268/20 + ADD 1

4. ITENNI l-importanza li titqies aktar id-diversità tal-prattiki tal-agrikoltura u tal-biedja madwar l-UE u li jingħarfu l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri fl-iżvilupp tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom;
5. IQIS li s-sejbiet tal-Kummissjoni dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali ma jagħtux stampa ġenerali sħiħa tal-miżuri u l-politiki kollha fl-Istati Membri fir-rigward tal-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP), it-tnaqqis tar-riskji u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM), u JISĦAQ li għandhom jitqiesu wkoll politiki u miżuri addizzjonali, li għandhom rabta qawwija mad-Direttiva;
- 5a. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jinkludu fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom miżuri biex jipproteġu n-naħal u dakkara oħra;
6. JEMMEN li kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija kruċjali għal implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttiva;

6a. [...] (*tmexxa għall-para 2a*)

Ġestjoni Integrata tal-Pesti

7. JAQBEL mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-Ġestjoni Integrata tal-Pesti hija waħda mill-pilastri u fl-istess ħin waħda mill-akbar sfidi tad-Direttiva, li teħtieġ aktar attenzjoni mill-Istati Membri;

8. Madankollu, JISĦAQ li l-varjazzjonijiet fil-klima u s-sistemi u l-prattiki agrikoli u tal-biedja fost l-Istati Membri huma konsiderevoli. Għalhekk, JIRRIMARKA li jista' ma jkunx possibbli li l-IPM tiġi armonizzata għall-għelejjel kollha u għall-Istati Membri kollha u konsegwentement IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu linji gwida speċifiċi għall-għelejjel għal kull Stat Membru biex ikunu adatti kemm jista' jkun għaċ-ċirkostanzi lokali;
9. JAQBEL mas-sejbiet tal-Kummissjoni li l-PPP ta' riskju baxx, is-sistemi ta' monitoraġġ tal-pesti, l-appoġġ finanzjarju, u l-metodi ta' kontroll mhux kimiċi li jinkludu l-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku huma għodod importanti għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-IPM;
- 9a. JISSOTTOLINJA li l-bdiewa diġà jnaqqsu r-riskju mill-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji tal-IPM (pereżempju permezz miżuri preventivi mingħajr l-użu ta' sustanzi kimiċi bħan-newba tal-għelejjel, l-għażla tar-roqgħa, it-tekniki tal-ħdim tar-raba', l-għażla tal-varjetà tal-pjanti);
10. JISĦAQ li l-introduzzjoni ta' metodi u teknoloġiji alternattivi fil-livell tal-azjendi agrikoli teħtieġ ukoll adattament u investiment adegwat filwaqt li ma għandhiex twassal għal piż ekonomiku sproporzjonat għall-bdiewa. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA li għal implimentazzjoni mtejbja tal-IPM huwa meħtieġ li jsir aktar sforz fit-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati u f' sistemi konsultattivi ta' appoġġ għall-bdiewa meta jqisu alternattivi għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
11. Barra minn hekk, JAFFERMA MILL-ĠDID li għandhom jitqiesu b'mod xieraq introjtu ġust għall-bdiewa kif ukoll is-sigurtà tal-ikel;
12. JIRRIMARKA li l-proċess biex il-prinċipji tal-IPM jissarrfu f' kriterji li jistgħu jiġu kkontrollati jikkostitwixxi sfida u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzawha;

Riċerka u Innovazzjoni

13. JIRRAKKOMANDA aktar riċerka u innovazzjoni mmirati li jitrawmu mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-IPM, u JISSOTTOLINJA l-importanza tar-riċerka primarja fil-qasam tal-prattiki agronomiċi (mhux kimiċi), metodi ġodda inkluż dwar il-potenzjal ta' tekniki ta' tnissil tal-pjanti, tagħmir ta' applikazzjoni u sistemi ta' informazzjoni għat-trasferiment tal-għarfien u l-esperjenza fil-prattika;
- 13a. IĦEĠĠEĠ lir-riċerkaturi u lill-gruppi ta' riċerka biex jaqsmu r-riżultati tar-riċerka tagħhom bejniethom biex jiżguraw it-tranżizzjoni rapida tagħhom fil-prattika u għalhekk JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu ffaċilitati fil-livell tal-UE l-ġbir u t-tixrid tar-riżultati ta' proġetti ta' riċerka dwar il-protezzjoni sostenibbli tal-pjanti;

Indikaturi tar-riskju armonizzati

14. JAGĦRAF li l-Kummissjoni stabbiliet indikaturi tar-riskju armonizzati li kisbu appoġġ mill-Istati Membri, bħala punt ta' tluq. Madankollu, JINDIKA d-diffikultà li jinsiltu konklużjonijiet robusti bbażati fuqhom dwar il-prestazzjoni ta' Stat Membru fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza mill-PPP kimiċi u t-tnaqqis tar-riskju assoċjat mal-użu tal-PPP kif mitlub mid-Direttiva u JIRRAKKOMANDA bil-qawwa aktar ħidma f'dan il-qasam billi jittieħed kont tal-isforzi preċedenti tal-Istati Membri;
15. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-indikaturi jridu jirriflettu b'mod preċiż ir-riskji li jirriżultaw mill-użu tal-PPPs, filwaqt li jitqies l-impatt possibbli tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent;

Approvazzjoni ta' Sustanzi Attivi

16. JAPPOĠĠA l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jitħaffu l-proċeduri għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ta' riskju baxx. Dan għandu jwessa' l-firxa ta' sustanzi disponibbli ta' riskju baxx kif ukoll sustanzi bażiċi u b'hekk inaqas id-dipendenza tal-bdiewa mis-sustanzi attivi l-aktar perikolużi. Madankollu, JENFASIZZA li t-tħaffif tal-proċeduri ma għandux jirriżulta f'valutazzjonijiet tar-riskju magħmula b'inqas reqqa fir-rigward tal-effetti possibbli tas-sustanzi u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti korrispondenti fuq is-saħħa u l-ambjent.

Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel

17. JISSOTTOLINJA li l-korsijiet ta' Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF) huma għodod utli għat-tixrid ta' ideat, esperjenzi u evalwazzjoni ta' prattiki fl-Istati Membri kollha u JINNOTA l-benefiċċji għar-regolaturi jekk jitgħallmu x'qed jagħmlu Stati Membri oħra biex jindirizzaw ċerti kwistjonijiet jew x'qed jagħmlu biex jiżviluppaw strateġiji nazzjonali għall-użu sostenibbli tal-PPP u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar it-twessigħ tat-temi diskussi fil-korsijiet ta' taħriġ tal-BTSF;

Grupp ta' Ħidma u Portal Web dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi

18. JAPPOĠĠA l-ħidma mwettqa fil-grupp ta' ħidma dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi bħala mekkaniżmu utli għall-iskambju ta' prattiki u informazzjoni dwar il-progress magħmul fl-implimentazzjoni tad-Direttiva mal-Kummissjoni u JISSOTTOLINJA li l-portal web dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi huwa repożitorju utli għall-informazzjoni.